A.L. 28 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-17 ta' Frar, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Kirkop II, limiti Kirkop:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,665 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, Nofs-in-Nhar ma' Triq l-Infanterija u Lbiċ ma' Triq iż-Żebbiegħ, delineata bl-aħmar u markata "A" fuq L.D. 309/91/1;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,372 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, Nofs-in-Nhar ma' Triq iż-Żebbiegħ u Lvant ma' Triq l-Artillerija, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 309/91/1.

(2) Flat numru 4, Blokk U, Triq Azzopardi, Marsa (Tenement No. 71329).

(3) Dar bin-numru 35, Triq Ġorġ Gravina, Marsaxlokk (Tenement No. 70092).

(4) Dar bin-numru 6, Triq il-Palma, San Ġwann (Tenement No. 64856).

(5) Flat numru 8, Blokk D2, Triq id-Deffa, Ta' Xbiex (Tenement No. 69247).

(6) Razzett bin-numru 8, 9, 10, Triq il-Fanal, Għasri, Għawdex (delineata u mxattba bl-aħdar fuq Drawing No. HA/GH/08/91).